# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 13 ta’ Settembru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Charles Le Brun**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Charles Le Brun ta’ 65 sena bin Joseph u Anna nee’ Portelli imwieled Gzira fil-5 ta’ Gunju 1952 u joqghod Flat 3, Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 447452(M):

Akkuzat talli f’Awwissu 2007 u fis-snin immedjatament precedenti f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ma

hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' Lm36,538.98, ai termini ta' l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 5 ta' Settembru, 2017 (fol. 96 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Settembru 2017 (fol. 96 tal-process) l-imputat iddikjara li hu m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. L-imputat huwa direttur tas-socjeta Cleanwell Services Limited, mid-data li fiha giet inkorporata, cioe fit-3 ta' Novembru 1995 sal-lum. Din il-kumpanija ghada attiva.[1]

2. B'ittra datata 24 t'Awwissu 2006, Paul Scicluna, ghall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (iktar il-quddiem din it-taxxa hija imsejjha VAT) talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputat ghan-nom u f'isem is-socjeta Cleanwell Limited, stante li allega li din is-socjeta issottomettiet numru ta' denunzji tal-VAT minghajr ma ghamlet il-hlas tal-VAT jew parti minnu dovut. Skond

[1] Ara xhieda tal-PL Quentin Tanti a fol. 58 *et seq.* tal-process u d-dokumenti minnu ezebiti.

il-Kummissarju tal-VAT dan gara fid-denunzji li saru ghal perjodu bejn l-1 ta' Gunju 1996 u l-31 t'Awwissu 2004. F'din l-ittra gie allegat li l-imputat kien hati ta' misapproprjazzjoni fl-ammont ta' LM36,538.98. Dan l-ammont jinkorpora fih l-ammont allegatament dovut ghal Customs and Exise Tax (CET) fil-perjodu li jkopri l-1 ta' Lulju 1997 u 31 ta' Dicembru 1998.

3. Is-socjeta Cleanwell Services Limited kienet thallas il-VAT *on an accrual basis*.[2] Dan ifisser li d-denunzja tal-VAT timtela' abbazi tal-*invoices* li tkun baghtet is-socjeta lill-klijenti/debituri taghha, indipendentement jekk dawn il-klijenti/debituri ikunux hallsuhiex jew le l-ammont lilha dovut.

4. L-imputat gie interrogat mill-Pulizija u rrilaxxa stqarrija fit-8 ta' Frar 2007.[3]

5. Il-proceduri odjerni gew intavolati b'citazzjoni fis-6 t'Awwissu 2007, u l-imputat ma giex notifikat biha.

6. Fl-ewwel seduta mizmuma fit-28 ta' Novembru 2007, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti li l-imputat jista' jkun imsiefer. Fis-seduta sussegwenti tat-23 t'April 2008, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti li fil-fatt l-imputat kien imsiefer. Peress li l-imputat baqa' imsiefer, fis-seduta tas-7 t'April 2009, il-Qorti iddifferiet din il-kawza *sine die.*

7. L-Ufficjal Prosekutur nizzel isem l-imputat fuq id-database tal-Pulizija bhala *"wanted"* u fl-4 ta' Lulju 2017, l-imputat inqabad l-ajruport jipprova jsiefer lejn l-Ingilterra.

8. Fis-6 ta' Lulju 2017, l-Ufficjal Prosekutur innotifikah bic-citazzjoni u bid-data ta' smiegh tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2017, stante li fuq rikors tal-Ufficjal Prosekutur din il-Qorti kienet ir-riappuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2017, u fil-fatt f'dik il-gurnata l-imputat deher debitament assistit mill-avukat difensur tieghu.

---

[2] Ara xhieda ta' Paul Scicluna a fol. 89 tal-process.
[33] Dok MC 2 a fol. 24 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

_Kwistjoni Preliminari – L-eccezzjoni tal-Preskrizzjoni_

Fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2017, gie verbalizzat hekk: *"Dr Stefano Filletti ghad-difiza jirrileva illi peress li l-imputat gie notifikat fis-6 ta' Lulju 2017 ghal allegat reat li sehh fil-perjodu 2004 u fis-snin ta' qabel, qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni."*

F'dik is-seduta – li kienet l-ewwel wahda li fiha deher l-imputat – il-proceduri kienu ghadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni.

Fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2017, waqt li l-proceduri kienu ghadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni, gie *inter alia* verbalizzat hekk: *"Dr Stefano Filletti ghall-akkuzat jirrileva in sostenn tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, illi l-ahhar att formali tar-reat sehh fit-2004. Qari tal-artikolu 293 kif aggravat bl-artikolu 310 juri kif il-piena fl-artikolu 310 gie mibdul diversi drabi tul is-snin. Peress illi l-ahhar att formali sar fit-2004, il-ligi dak iz-zmien kienet regolata bl-Att III tal-2002. Qieghed jigi esebit estratt ta' dan l-att bhala Dok SF1. L-Artikolu 64 ta' dak l-Att kien jemenda il-piena fl-artikolu 310 u dak iz-zmien il-paragrafu 310(1)(a) kien jipprovdi illi kull frodi in eccess ta' elf (1000) Liri Maltin kellu prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin. L-Artikolu 688 li jiddefinixxi it-termini ta' preskrizzjoni ma nbidilx mis-sena 1996. Ghalhekk, ghal reat li jgib piena massima ta' seba' snin, il-prigunerija a tenur tal-artikolu 688(c) huwa dak ta' ghaxar snin. Jirrizulta ghalhekk illi dawn il-proceduri huma palesament preskritti f'ghajnejn il-ligi."*

Ladarba din il-Qorti issa giet konvertita ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghar-ragunijiet fuq esposti, jispetta lil din il-Qorti tiddeciedi din l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li fit-trattazzjoni finali, l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhu ghall-provi prodotti f'dawn il-proceduri, u ma ghamel l-ebda sottomissjoni fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza.

L-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontinwat ta' misappropjazzjoni, u ghalhekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li l-perjodu preskrittiv applikabbli fiz-zmien meta nharget ic-citazzjoni, cioe fl-2007, kienet dik ta' ghaxar (10) snin, u dan skond l-Att III tal-2002 li

emenda l-Artikolu 310 tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 310 gie sussegwentment sostitwit bl-Att XXIV tal-2014, pero din is-sostituzzjoni hija rrilevanti ghal fini tal-kawza odjerna, stante li saret ferm wara li giet ipprezentata c-citazzjoni odjerna.

Skond l-Artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tar-reat. Ghalkemm huwa veru dak li qalet id-difiza illi mill-ittra mibghuta mill-Kummissarju tal-VAT fl-2007, jidher li l-ahhar denunzja in kwistjoni kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Awwissu 2004, fl-ewwel lok jirrizulta li din giet ipprezentata lill-Kummissarju tal-VAT fil-11 ta' Jannar 2006.[4] Ghalhekk huwa mid-data tal-11 ta' Jannar 2006 – il-jum li fih allegatament sar l-ahhar ksur tar-reat kontinwat – li bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.

Pero fi kwalunkwe kaz, l-Artikolu 83(1) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta) jippreskrivi hekk: *"Ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti taħt din it-Taqsima ħlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju, u dawk il-proċedimenti hekk mibdija jistgħu f'kull żmien qabel is-sentenza finali jiġu rtirati fuq talba tal-Kummissarju."*

Ghalhekk ai termini tal-Artikolu 691(2) tal-Kodici Kriminali il-preskrizzjoni kienet sospiza, stante li dan l-Artikolu jippreskrivi illi: *"Jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tinġieb 'il quddiem jew ma tkunx tista' titkompla ħlief wara awtorizzazzjoni speċjali ... ..., il-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu minn dak in-nhar li fih tingħata l-awtorizzazzjoni ... ..."* Konsegwentement, il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mill-24 t'Awwissu 2006 meta l-Kummissarju tal-VAT talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jistitwixxi proceduri kriminali kontra l-imputat.

Pero l-fatt li l-imputat gie biss notifikat bic-citazzjoni pprezentata fis-6 t'Awwissu 2007, fis-6 ta' Lulju 2017, ma jfissirx awtomatikament li l-azzjoni hija preskritta ghax ghaddew iktar minn ghaxar (10) snin mill-24 t'Awwissu 2006, kif qed tissottometti d-difiza.

L-Artikolu 693(2) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk: *"Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni,*

---

[4] Ara fol. 56 tal-process.

*għalkemm il-mandat tal-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta."*

Mill-atti tal-process fuq citati jidher bic-car li meta, jekk mhux addirittura qabel, ic-citazzjoni gietipprezentata, l-imputat kien diga telaq minn Malta. Inoltre f'dawn il-proceduri l-Ufficjal Prosekutur Maurice Curmi xehed hekk *"Jidher li sussegwentement* (ghall-ittra mibghuta mill-Kummissarju tal-VAT) *kont baght ghall-imputat, fejn hu rrilaxxa stqarrija dwar dan kollu u xi zmien wara gew issottometti c-charges relevanti in kwistjoni tal-kaz odjern fil-Qrati taghna, pero nel frattempt jidher li l-imputat kien siefer minn Malta u kien ghamel xi zmien twil baqa' ma rritornax u allura qatt ma as such gie notifikat bic-charges in kwistjoni, minkejja li forsi wiehed jista' jghid li konna avzajnih x'konna bi hsiebna naghmlu. Dak in-nhar li konna hadnielu l-istqarrija ma kienx tani l-impressjoni li kien bi hsiebu jsiefer. Pero dan ma kellu l-ebda rbit jew xi haga zzommu, dak iz-zmien li jibqa' hawn Malta. Issa gara li dan sussegwentement konna ghamilna alert ghax il-qraba tieghu, jidhirli l-familja tieghu kienu jghidulna li kien qieghed imsiefer ghal dejjem l-Ingiltera. U konna ghamilna alert biex jekk kemm il-darba jirritorna Malta, nindunaw bih, pero ghal xi raguni zgur li dahal, qatt ma gie detected, hlief ghajr ghal xi jumejn ilu meta kien hiereg minn Malta u ser isiefer lejn l-Ingilterra, fejn indunaw bih li kien qieghed fuq il-wanted list. U ghalhekk imbaghad sussegwentement innotifikajtu bil-gurnata tal-Qorti tal-lum u deher hawnhekk illum."*[5]

Huwa ovvju li dawn ic-cirkostanzi jaqghu fil-parametri ta' dak kontemplat fl-Artikolu 693(2), u cioe li l-imputat inheba u harab minn Malta, u dan ghaliex kien jaf li se jittiehdu proceduri kriminali kontrih, u mbaghad kompla jinheba ghax kien jaf li effettivament ittiehdu proceduri kriminali kontrih. Fil-fatt, l-imputat stess ammetta f'wiehed mir-rikorsi tieghu, li llum hu stabbilixxa hajtu l-Ingilterra flimkien mas-siehba tieghu[6] - minkejja li ghadu direttur tas-socjeta Cleanwell Services Limited. Ir-raguni ghalfejn l-imputat dahal Malta u ghal xi raguni, is-sistema tal-Pulizija ma tatx l-alert li suppost tat, huwa fatt li ghandu jigi investigat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 693(2) tal-Kodici Kriminali, in vista tal-fatti specje tal-kaz odjern, l-preskrizzjoni giet interrotta bil-prezentata tac-citazzjoni fis-6 t'Awwissu

---

[5] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur Maurice Curmi a fol. 18 tal-process.
[6] Ara rikors a fol. 29 tal-process.

2007, u dan nonostante l-fatt li l-imputat ma giex notifikat biha, u t-terminu preskrittiv ta' ghaxar (10) snin rega' beda jiddekorri mill-gdid.

L-imputat gie notifikat bic-citazzjoni fis-6 ta' Lulju 2017 u cioe precizament xahar qabel ma kellha tiskadi l-preskrizzjoni ta' ghaxar snin.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

*Il-Meritu*

Rigward il-meritu, l-imputat qed jigi akkuzat b'misapproprjazzjoni indebita aggravata. Dan ir-reat hu regolat bl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali li jippreskrivu hekk:

*"293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Fuq ir-reat ta' misapproprjazzjoni, l-awtur **Luigi Majno**[7] jghid hekk:

*"**2649.** Gli elementi per la sussistenza del reato d'appropriazione indebita sono:*

*Che a taluna sia stata affidata o consegnata una cosa altrui per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato –*

*Che egli se la appropri in profitto di se o di un terzo, convertendola in uso proprio –*

*Che cioe abbia fatto con dolo"*[8]

---

[7] Ara **Commento al Codice Penale Parte II**, Verona 1894.

[8] *Op.cit.* fol. 347.

Fit-trattazzjoni orali, id-difiza ibbazat it-tezi taghha fuq il-fatt li mill-provi irrizulta li s-socjeta Cleanwell Services Limited kienet thallas il-VAT fuq is-sistema ta' *accrual basis*[9] u cioe li d-denunzja tal-VAT li kienet tiddikjara kienet tkun bbazata fuq l-invoices li tkun harget ghall-pagament, irrespettivament mill-fatt jew dawk l-invoices ikunux effettivament thallsu jew le. Fix-xhieda tieghu, Paul Scicluna, l-Ufficjal tad-Dipartiment tal-VAT, iddikjara li m'ghandux provi li l-*invoices* li s-socjeta dahhlet f'dawn id-denunzji effettivament thallsux jew le.[10] Allura d-difiza qed tissottometti li l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li s-socjeta in kwistjoni kienet thallset ta' dawn l-invoices li ddenunzjat u li allura kellha fil-pussess taghha flus, li inghataw lilha bhala VAT, u li kienet obbligata thallas lill-Kummissarju tal-VAT, u konsegwentement ir-reat ta' misapproprjazzjoni ma jistghax jissussisti.

Id-difiza iccitat favur it-tezi taghha sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta,[11] fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Spiteri**, deciza fil-11 ta' Dicembru 2014, li kellu fattispecji simili ghal dawk fil-kaz odjern. F'din is-sentenza, il-Qorti irriteniet hekk: *"... ... (M)eta r-rapprezentant tad-dipartiment imsemmi kien qed jikkontendi li s-Sur Spiteri ddikjara tlitt denunzji partikolari li gew a konjizzjoni tad-dipartiment pero ma hallashomx" ... ... Minghajr tlaqliq ta' xejn, il-Qorti tinnota li dan m'huwiex bizzejjed sabiex jigi pruvat ir-reat ta' misapproprjazzjoni. Minkejja li l-imputat issottometta d-denunzji in kwistjoni, li kien obbligat li jissottometti minhabba li kien obbligat jaghmel hekk, u minkejja l-ammonti indikati fl-imsemmija denunzji, dawn il-fatti per se mhumiex bizzejjed sabiex sodisfacentement jippruvaw li effettivament l-imputat ikkommetta r-reat ta' misapproprjazzjoni. Qieghed jinghad hekk peress li ma giex sodisfacentement pruvat li l-imputat gabar l-ammonti ndikati fid-denunzji in kwistjoni."*

Pero, kif jidher mill-korp tas-sentenza, f'dak il-kaz, l-imputat kien ammetta mill-ewwel kemm fl-istqarrija li rrilaxxa kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, li hu ma hallasx il-VAT li gie dikjarat fid-denunzji ghax dan ma kienx ingabar. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-imputat f'dawk il-proceduri zied jghid ukoll li l-ammont dovut issa gie kollu mhallas.

---

[9] A distinzjoni mis-sistema l-ohra ta' *cash basis*, liema sistema ma tikkoncernax il-kawza odjerna u ghalhekk ikun superfluwu ghal din il-Qorti li toqghod tidhol fil-kwistjoni ta' kif tahdem din is-sistema.
[10] Ara xhieda ta' Paul Scicluna a fol. 90 tal-process.
[11] *Per* Magistrat Neville Camilleri.

Dan hu *toto coelo* differenti mill-kaz odjern, fejn mill-ammont dovut – li akkumula fuq numru ta' snin – ma thallas xejn minkejja li issa ghaddew ghaxar snin minn meta harget ic-citazzjoni u minkejja li mill-provi jirrizulta li s-socjeta in kwistjoni ghada attiva.

In oltre, f'dawn il-proceduri, Paul Scicluna xehed ukoll li meta l-VAT jkun jithallas fuq *accrual basis*, cioe a bazi tal-*invoices*, independentement mill-hlas maghmul lill-kummercjant, kif is-socjeta in kwistjoni kienet taghmel, u mbaghad jirrizulta li xi invoices li jibqghu ma jithallsux, il-kummercjant ghandu r-rimedju taht l-Att dwar il-Valur Mizjud, li jinforma' b'dan il-fatt lill-Kummissarju, biex dak l-ammont ta' VAT indikat fl-invoices denunzjati li baqghu ma thallsux lilu, jitnaqqsu mill-ammont lilu dovut lill-Kummissarju.[12]

Fil-fatt l-Artikolu 10 tal-Ghaxar Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jippreskrivi hekk:

*"(1) Meta persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 ta' dan l-Att turi għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li xi ammont lilha dovut bħala kumpens għal provvista magħmula lil persuna oħra, matul żmien ta' taxxa, jkun sar dejn u li tkun tħallset jew ikollha titħallas xi output tax mill-imsemmija persuna għar-rigward ta' dik il-provvista, dik il-persuna tista' titlob sabiex l-ammont ta' dak l-output tax li jkun jikkorrispondi ma' dak id-dejn jiġi permess bħala tnaqqis permezz ta' ħelsien mid-dejn b'żieda ma' kull tnaqqis ieħor lilha permess bħala input tax skont id-disposizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda għal dak iż-żmien ta' taxxa jew għal dak iż-żmien ta' taxxa li jiġi wara hekk kif il-Kummissarju jista' jippermetti.*

*(2) Talba għal tnaqqis dwar ħelsien minn xi dejn għandha tkun suġġetta għal dawk l-ordnijiet li l-Kummissarju jista' jagħti dwar iċ-ċirkostanzi ta' kif dak jista' jsir u dwar id-dokumenti jew kull prova oħra li jkollha tinġieb.*

*(3) L-irkupru ta' debitu li jkun ġie permess dwaru tnaqqis skont din il-partita jew ta' parti minn dak id-debitu għandu jitqies, sal-limitu tal-ammont irkuprat, bħala provvista taxxabbli li tkun qed isseħħ f'dak il-waqt li jitħallas id-debitu jew parti minnu u għandu hekk jingħata kont tagħha mill-persuna li t-tnaqqis ikun hekk ġie permess lilha."*

[12] Ara xhieda ta' Paul Scicluna a fol. 41 tal-process.

Fid-dawl ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti il-posizzjoni legali ghal min jimla' d-denunzji tal-VAT fuq *an accrual basis* hija din: Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat ipprezenta id-denunzji u ma hallasx l-ammont ta' VAT relativ ghall-invoices minnu denunzjati. Pero, f'kaz li l-imputat jallega li ma thallasx ghall-*invoices* kollha jew in parte minnu denunzjati, l-oneru jdur fuqu li jipprova fuq bazi ta' probabbilita, li hu jinforma b'dan lill-Kummissarju tal-VAT, bil-mod previst fl-Ghaxar Skeda tal-Att dwar il-Valur Mizjud. L-imputat ma jistghax jippretendi li hu mhux biss ma jsegwix il-procedura preskritta mil-ligi, precizament intiza biex isiru l-aggustamenti necessarji meta hu jibqa' ma jithallasx l-invoices minnu registrati, u izda lanqas ghall-inqas iressaq provi f'dawn il-proceduri biex jipprova fuq bazi ta' probabbilita li hu baqa' ma thallasx.

Jekk l-imputat jibqa' passiv, il-Qorti hija obbligata li toqghod fuq il-provi li gew migjuba quddiemha – u cioe id-denunzji li saru mill-imputat – u li ma gew bl-ebda mod kontestati, lanqas f'dawn il-proceduri, u l-prova li l-imputat ma hallasx il-VAT dovut lill-Kummissarju, kif kien obbligat li jaghmel.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Portelli**, deciza fil-11 ta' Settembru 2015 – li kellha fatti simili ghal dawk odjerni, ghalkemm kienet tikkoncerna taxxa differenti – il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[13] irriteniet hekk:

*"F'dan l-istadju hu biżżejjed li jingħad li mid-definizzjoni stess tar-reat* (ta' misapproprjazzjoni) *jirriżulta li huwa t-titolu, li bih ġie riċevut l-oġġett, li għandu jġib miegħu l-obbligu ta' użu speċifikat, u mhux neċessarjament li tali użu għandu jiġi speċifikat mill-proprjetarju mal-konsenja tal-oġġett.*

***15.** Di fatti, l-awtur Luigi Majno[14]3 dwar dan l-element jgħid:*

*"Parlando la legge di affidamento o consegna senza specificazione di modalità, è indifferente che la cosegna sia fatta direttamente e materialmente dal proprietario, oppure la*

---

[13] *Per* Prim Imhallef Silvio Camilleri.

[14] Majno kien qieghed jikkummenta fuq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali tagħna. Awturi oħrajn, bħal Antolisei u Manzini, jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-Kodiċi Penali Taljan tal-1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi.

*cosa poi appropriata fosse pervenuta in possesso del colpevole per effetto di un rapporto contrattuale non traslativo di dominio."*[15]

**16.** *Għalkemm fil-paragrafu citat Majno jitkellem dwar impossessament mill-ħati b'effett ta' rapport kontrattwali – li hija ċertament is-sitwazzjoni l-aktar komuni -- tenut kont tal-fatt li, kif jgħid sew l-istess Majno fl-istess paragrafu, l-liġi ma tillimita b'ebda mod il-modalità ta' kif isir l-affidament jew il-konsenja, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi eskluża s-sitwazzjoni fejn il-konsenja u l-affidament isiru b'operazzjoni tal-liġi u t-titolu li jagħti lok għall-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir mill-ħaġa użu speċifikat ikun ukoll bl-operazzjoni tal-istess liġi.*

**17.** *Kif ġia ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja tal-oġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament u l-konsenja u l-użu speċifikat ma jsirux direttament mill-propjetarju tal-oġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.*

**18.** *Fil-każ ta' llum ma hemmx dubbju li skont il-liġi l-appellant kien obbligat jagħmel użu speċifiku tal-ammonti ta' taxxa mnaqqsa u tal-ammont tal-kontribuzzjonijiet minnu miżmuma, u ċioè li jħallashom lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni akkont tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati tiegħu. Dan naqas milli jagħmlu billi flok ħallas il-flus lid-Dipartiment huwa użhom għall-ħlas tal-pagi tal-impjegati u għal spejjeż oħra tan-negozju tiegħu.*

**19.** *Għar-raġunijiet premessi, fuq din il-materja din il-Qorti taqbel ma' u tirriafferma dak deċiż fis-sentenzi Pulizija v Francesco Saverio sive Francis X Aqulina u Pulizija v John O'Dea, fuq ċitati, u għalhekk dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint."*

L-istess insenjament japplika ghal kaz odjern. Ma hemmx dubbju li skond il-ligi, is-socjeta in kwistjoni kienet obbligata li taghmel uzu specifiku minn dawk il-flus li gabret mill-invoices

---

[15] Luigi Majno, Commento al Codice Penale Italiano, Unione Tipografico – Editrice, Terza Edizione, 1911, pg. 592, #1948.

denunzjati, li kienu jirrapprezentaw il-VAT, u cioe li thallashom lill-Kummissarju tal-VAT. Dan naqset milli taghmlu.

Il-Qorti tirrileva li l-istqarrija tal-imputat giet esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2017, u d-difiza mhux biss f'ebda stadju ma qajmet l-ebda kwistjoni fir-rigward ta' din l-istqarrija, talli fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2017 ivverbalizzat li qed tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella lil PS Arthur Mercieca u PC Antoine Briffa bhala xhieda tal-volontarjeta tal-istqarrija tal-imputat. In vista tal-fatt li d-difiza ma qajjmet l-ebda oggezzjoni ghall-ezibizzjoni tal-istqarrija, u li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` tal-istess stqarrija, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, f'dan il-każ, minkejja li fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija, il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, l-insenjament fis-sentenza **Mario Borg vs Malta**, deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016, ma japplikax ghall-fattispecje tal-kaz odjern. Konsegwentement, il-Qorti tqis li din l-istqarrija tal-imputat hi prova valida u ammissibbli.

F'din l-istqarrija, l-imputat ammetta li s-socjeta tieghu kienet ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji u li l-flus li ingabru minghand il-klijenti ma kienux bizzejjed sabiex ikopru r-*running costs* tal-kumpanija. Ghalhekk, fi kliem l-imputat stess, *"il-flus migbura f'VAT spiccaw marru f'pagi u spejjez ohra. Niccara wkoll li ghad baqa' flus li jien ghadni ma gbartx minghand il-klijenti tieghi."* Dwar l-ammont mitlub mill-Kummissarju tal-VAT, hu qal li c-cifra hija ftit inqas minn kemm qed jghidu l-VAT minhabba li skond hu, ic-cifra tkopri spejjez ta' multi kif ukoll estimi u barra minn hekk ghad fadal xi *returns* li ghad iridu jintbaghtu. Pero, f'dawn il-proceduri, ma saret ebda allegazzjoni, wisq inqas ingabet xi prova, li c-cifra mitluba mill-Kummissarju kienet tkopri wkoll spejjez ta' multi kif ukoll kienet tinkludi estimi.

Kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francesco Saverio sive Francis X Aquilina**, deciza fil-15 ta' Frar 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[16]: *"Meta kumpanija tuza l-flus li tkun gabret bhala VAT sabiex tkompli topera bihom, dik il-kumpanija tkun qed tikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni bla jedd, anzi dan hu kwazi kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita. U f'dak il-kaz ikun hemm kif diga inghad, ir-responsabbilita vikarja ta' kull direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dik il-kumpanija."*

[16] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

Minflok l-imputat dahal f'arrangamenti mad-dipartiment sabiex jaghmel *repayment programme*, kif qal li se jaghmel fl-istqarrija tieghu, hu ghazel li jitlaq barra minn Malta.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ssib lill-imputat hati tar-reat kontinwat ta' approprjazzjoni indebita ai termini tal-Artikolu 293, bl-aggravju kontemplat fl-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li bazikament minn circa sitt xhur wara li inkorpora s-socjeta in kwistjoni, l-imputat ma baqax ihallas iktar VAT, u meta inevitabbilment inqalghu il-problemi, minflok ipprova jirranga is-sitwazzjoni b'arrangament bonarju mal-Kummissarju tal-VAT, ghazel li jitlaq barra minn Malta, bl-isperanza li jahrab il-problema, ghad-dannu tal-erarju pubbliku.

Is-somma dovuta ta' LM36,538.98 – ekwivalenti ghal €85,112.93 - mhix wahda negligibbli.

Li il-fedina penali tieghu – li tieqaf fl-2007, ghax imbaghad l-imputat harab minn Malta – mhix wahda felici. Huwa ghandu tlettax (13)-il kundanna minn dawn il-Qrati, li jinkludi tlett (3) kundanni relatati ma ksur tal-ligijiet tas-sewqan, zewg (2) kundanni ghar-reat ta' ksur tal-ordni pubbliku, kundanna tar-reat ta' ragion fattasi u ricetazzjoni, tlett (3) kundanni talli ma ssottomettiex id-denunzja tal-VAT tas-socjeta mertu tal-kawza odjerna, u zewg kundanni ohra talli minkejja sentenza tal-Qorti li ordnatlu jipprezenta d-denunzja tal-VAT, huwa xorta naqas li jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti. Dan kollu juri li l-imputat m'ghandux rispett lejn il-ligijiet u l-awtoritajiet tal-pajjiz.

Ir-reat huwa wkoll wiehed kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti, filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 310(1)(a) tal-istess Kapitolu 9 kif kien in vigore fl-2007 skond l-Att III tal-2002, fid-data li fiha gietipprezentata c-citazzjoni odjerna, issib lill-imputat hati ta' l-artikoli imsemmija, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija, li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' hamsa u tmenin elf, mija u tnax-il Euro u tlieta u disghin centezmu (€85,112.93) – ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u tletin elf, hames mija u tmienja u tletin Lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (LM36,538.98) lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum, rapprezentanti l-ammont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud li ma gietx imhallsa.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**